# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

Illum, 29 ta' Marzu, 2001.

Kawza Nru. 11.
Citazz. Nru. 2237/00 JRM

**Anthony GRECH SANT u martu Mary sive Moira GRECH SANT**

**vs**

**Dennis BURKE, Pierre MATTOCKS u Noel DEBATTISTA rispettivament bhala President, Segretarju u Tezorier ta' FLORIANA FOOTBALL CLUB u in rapprezentanza ta' l-istess.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih l-atturi ppremettew:

Illi f'medda ta' diversi snin, l-atturi silfu u/jew avvanzaw lill-club direttament jew ghall-beneficcju tal-club konvenut diversi ammonti ta' flus li komplessivament jammontaw ghal wiehed u disghin elf mija u sitta u disghin lira maltin (Lm91,196.00) liema flus ghadhom ma gewx imhallsin lura, allavolja kien miftiehem li dawn il-flus ma inghatawx b'titolu gratuwitu;

Illi dan l-ammont huwa cert likwidu u dovut u l-konvenuti interpellati permezz ta' ittra ufficjali ta' Gunju 2000 sabiex iroddu lura dawn il-flus baqghu inadempjenti;

Ghalhekk l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tikkundanna lill-club konvenut sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' wiehed u disghin elf mija u sitta u disghin lira maltin ( Lm91,196.00) flimkien mal-imghaxijiet relattivi mill-1 ta' Lulju 2000;

Bl-ispejjez kontra l-club konvenut li minn issa huwa ngunt in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-atturi;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' l-atturi;

Semghet l-Avukat ta' l-atturi;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrzulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tal-atturi** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-club konvenut sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' wiehed u disghin elf mija u sitta u disghin lira maltin (Lm91,196.00) flimkien mal-imghaxijiet relattivi mill-1 ta' Lulju 200l bl-ispejjez kontra l-club konvenut.

**Moqrija.**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**29 ta' Marzu, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**29 ta' Marzu, 2001.**